

Brussell, 10 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10392/26

POLGEN 160

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Lulju 2026-31 ta' Diċembru 2027)

Abbozz ta' programm tat-triju ta' presidenzi tal-Irlanda, il-Litwanja u l-Greċja

I. INTRODIZZJONI

Għaqda fid-diversità – tliet irkejjien, iżda boxxla waħda

Mix-xtut tal-Atlantiku tal-Irlanda, għar-reġjun Baltiku tal-Litwanja, sal-bieb tal-Mediterran tal-Greċja, it-triju ta' presidenzi jirrifletti s-saħħa u l-qalba tal-proġett Ewropew: stejjer, esperjenzi u fehmiet differenti magħqudin fid-diversità u allinjati madwar responsabbiltà kondiviża u skop komuni.

Dan il-bilanċ ġeografiku mhuwiex biss simbolu: jirrifletti r-realtajiet li jsawru lill-Unjoni Illum u jsaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li tingħaqad, toħloq, tibni u twieġeb għall-isfidi globali. Flimkien, it-triju ser isarraf din id-diversità f'koeżjoni, filwaqt li jiżgura li l-azzjonijiet tal-Unjoni jibqgħu deċiżivi, ibbilanċjati, immirati u verament Ewropej.

It-triju lest li jmessi l-ħidma tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-konfront ta' sfidi u pressjoni ġeopolitika bla preċedent, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bħala sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea, is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, inkluż il-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina, kif ukoll l-erożjoni tal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, kollha b'implikazzjonijiet trażversali għall-aġenda politika tal-UE.

Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni jkollha r-riżorsi meħtieġa biex tindirizza dawn l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet strateġiċi fit-tul, u biex twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi emerġenti, it-triju ser jipprijoritizza l-ħidma fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-proposti settorjali tiegħu li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Unjoni għall-2028–2034.

II. EWROPA ĦIELSA U DEMOKRATIKA

Rispett għall-valuri Ewropej fl-Unjoni

Is-salvagwardja tal-valuri Ewropej tibqa' ċentrali għal Ewropa b'saħħitha, reżiljenti u magħquda. Ir-rispett għall-valuri fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi jikkostitwixxi l-pedament tal-Unjoni tagħna u jirfed il-fiduċja reċiproka u azzjoni globali effettiva.

L-avvanz tal-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd ser ikunu prijorità orizzontali għat-triju.

Ir-reżiljenza demokratika ser tkompli tissaħħaħ permezz ta' involviment aktar profond taċ-ċittadini, rikonoxximent tar-rwol ċentrali tas-soċjetà ċivili, protezzjoni ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika, u permezz ta' azzjoni deċiżiva kontra d-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), inkluż il-falsifikazzjoni ta' fatti storiċi.

It-triju ser jappoġġa l-implimentazzjoni tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija bħala parti minn dawn l-isforzi, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika. Huwa ser iżomm azzjoni soda kontra d-diviżjoni, ir-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, ir-razziżmu, l-antisemitiżmu, il-mibegħda kontra l-Musulmani u l-ksenofobija.

It-triju ser ikompli jippromwovi l-integrazzjoni, id-diversità kulturali u sportiva, u jagħti valur lill-espressjoni u l-kooperazzjoni kreattiva, li jaqdu rwol importanti fit-trawwim tad-demokrazija u tal-valuri Ewropej.

Huwa ser jaħdem biex jipproteġi l-ispazju ċiviku, jippromwovi l-aċċess għall-ġustizzja b'mod ġenerali u jippromwovi sistemi tal-ġustizzja adattati għat-tfal fl-Unjoni kollha. B'mod partikolari, ser jiffoka fuq il-protezzjoni tal-minorenni fl-ambjent online, inkluż permezz tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Huwa ser ifittex li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u jissalvagwardja l-istituzzjonijiet demokratiċi, inkluż permezz ta' mekkaniżmi biex jiġu indirizzati azzjonijiet li jdgħajfu s-sistema ġudizzjarja. It-triju ser jaħdem biex jissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja u jsaħħaħ il-komunikazzjoni trasparenti maċ-ċittadini biex tissaħħaħ il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u tissaħħaħ il-leġittimità tal-proġett Ewropew.

III. EWROPA B'SAĦĦITHA U SIGURA

Tkabbir ambizzjuż

It-tkabbir tal-UE għandu importanza ġeostrateġika biex jiġu żgurati l-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità fl-Ewropa kollha. Ir-realtà ġeopolitika l-ġdida – ikkaratterizzata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – tenfasizza l-importanza li l-proċess tat-tkabbir javvanza.

It-triju ser jibni fuq il-momentum tan-negozjati tal-adeżjoni biex jixpruna progress ambizzjuż fil-perkorsi tas-sħab tagħhom lejn is-sħubija fl-UE f'konformità mal-kriterji ta' Copenhagen, il-prinċipji u l-metodoloġija stabbiliti.

Ser jiżgura trattament bilanċjat u ġust tal-kandidati u l-kandidati potenzjali kollha, filwaqt li jżomm approċċ effiċjenti, kredibbli, prevedibbli u bbażat fuq il-mertu. F'dan il-kuntest, huwa ser jappoġġa bil-qawwa t-triq tal-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova, u l-kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent lejn is-sħubija fl-UE.

It-triju ser ikompli jwitti t-triq interna u jħejji riformi għal Unjoni mkabbra, f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' Granada.

Azzjoni esterna koerenti u influwenti

It-triju ser jippromwovi l-Unjoni Ewropea bħala attur involut u responsabbli globalment, impenjat li jappoġġa l-ordni internazzjonali bbażata fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u d-dritt umanitarju internazzjonali. Biex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala attur globali, it-triju ser jappoġġa r-rwol ċentrali tan-Nazzjonijiet Uniti. Huwa ser irawwem sħubijiet globali ta' benefiċċju reċiproku permezz ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u assistenza umanitarja sostnuti u prevedibbli, f'konformità mal-approċċ ta' Tim Ewropa u Global Gateway. It-triju ser jappoġġa u jippromwovi r-rwol tal-UE fl-għoti ta' assistenza umanitarja bbażata fuq il-prinċipji, f'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.

It-triju jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu għall-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha, inkluż l-appoġġ politiku, ekonomiku, militari, tal-enerġija, finanzjarju u dak umanitarju, f'konformità mal-impenn fit-tul tal-UE għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna u fl-Ewropa, li jiżgura l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u r-rikostruzzjoni tagħha. L-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju sostenibbli u prevedibbli għall-Ukrajna, inkluż wara l-2027 ser ikun fost il-prijoritajiet ewlenin tat-triju. It-triju ser jaħdem biex jiżgura li r-Russja u l-Belarusja jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-triju ser ikompli jsaħħaħ ukoll is-sanzjonijiet u l-ġlieda kontra ċ-ċirkonvenzjoni tagħhom.

Huwa ser jippromwovi wkoll multilateraliżmu effettiv u żvilupp sostenibbli, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fi ħdan is-sistema tan-NU u fost l-aġenziji, il-fondi u l-programmi kollha tagħha, f'konformità mal-prijoritajiet u l-valuri tal-UE.

Bil-ħsieb li jitmexxew 'il quddiem l-oġettivi kondiviżi u jinkisbu eżiti speċifiċi, it-triju ser jagħmel enfasi partikolari fuq l-approfondiment tal-kooperazzjoni mas-sħab globali, kemm bilateralment kif ukoll fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

Iż-żamma ta' enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni u r-rispons għall-kriżijiet u l-kunflitti kif ukoll il-medjazzjoni għall-paċi ser jibqgħu essenzjali kemm għall-istabbiltà globali kif ukoll għas-sigurtà Ewropea. It-triju ser jinkoraġġixxi għarfien akbar tas-sitwazzjoni u impenn proattiv bħala elementi essenzjali għas-salvagwardja tal-istabbiltà globali u s-sigurtà Ewropea.

Filwaqt li jirrikonoxxi li t-tiżi għall-istabbiltà fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE jikkontribwixxi direttament għas-sigurtà tal-Ewropa, it-triju ser jagħti prijorità lil involviment aktar profund mal-pajjiżi sħab bħala pedament strateġiku tal-aġenda tiegħu.

It-triju ser jimmira li jsaħħaħ il-politika tal-viċinat tal-Lvant permezz ta' involviment kontinwu mal-pajjiżi sħab rilevanti u permezz tas-Sħubija tal-Lvant. Huwa ser jimmira li jsaħħaħ ir-reżiljenza demokratika, il-proċessi ta' riforma u l-kooperazzjoni reġjonali.

It-tiżi tar-relazzjonijiet mal-Viċinat tan-Nofsinhar ser ikun prijorità ewlenija, inkluż enfasi fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-Patt għall-Mediterran u kooperazzjoni mfassla apposta biex jiġu indirizzati l-isfidi reġjonali. It-triju ser jaħdem biex japprofondixxi l-kooperazzjoni mas-sħab fir-reġjun biex jipromwovi l-istabbiltà, is-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli.

Il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani ser tibqa' objettiv ewlieni tal-azzjoni esterna tal-UE, b'enfasi fuq soluzzjoni komprensiva, ġusta u deġġiema għall-kunflitt Iżraeljan–Palestinjan ibbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati. It-triju ser jappoġġa l-inizjattivi diplomatiċi, l-assistenza umanitarja, l-isforzi għat-tnaqqis tat-tensjoni, ir-rikostruzzjoni u l-kisba ta' paċi komprensiva, ġusta u deġġiema, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

It-triju ser ikompli jsostni relazzjonijiet transatlantiċi b'saħħithom, irawwem relazzjonijiet solidi, kontinwi u ta' benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti tal-Amerka, inkluż permezz tal-implimentazzjoni li għaddejja tad-dikjarazzjoni konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà ekonomika, filwaqt li jiżgura ambjent stabbli u prevedibbli għaċ-ċittadini u n-negozji. It-triju jirrikonoxxi l-importanza ta' sħubija strateġika reżiljenti mal-Kanada, ibbażata fuq valuri demokratiċi kondiviżi u interessi komuni.

L-avvanz u l-appoġġ għal relazzjonijiet pożittivi bejn l-UE u r-Renju Unit ser jibqgħu fuq quddiem fl-aġenda tat-triju. It-triju ser ikompli jaħdem fuq aġenda mġedda għal kooperazzjoni msaħħa, ibbażata fuq interessi kondiviżi u implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u leali tal-ftehimiet eżistenti.

Hekk kif l-importanza strateġika tal-Artiku tkompli tikber, it-triju ser jiżgura rwol aktar robust għall-Unjoni fil-promozzjoni tat-tkabbir, u l-ġoti ta' sigurtà komprensiva fit-Tramuntana ta' Fuq, inkluż kontra l-isfidi ppreżentati mir-Russja u ċ-Ċina.

It-triju ser ikompli jsaħħaħ u jintensifika aktar l-enfati strateġika, il-preżenza, il-viżibbiltà u l-azzjonijiet tal-UE, inkluż il-kummerċ fl-IndoPacifiku, permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-IndoPacifiku u involviment imsaħħaħ mal-organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari billi jeleva r-relazzjoni tal-UE mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) għal sħubija strateġika komprensiva.

Huwa ser ikompli jsaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-Amerka Latina u l-Karibew permezz tad-djalogu politiku, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni ekonomika, l-investimenti u l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp sostenibbli.

It-triju ser jaħdem biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika, inkluż permezz tas-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana.

Huwa ser ikompli javvanza r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA, bil-ħsieb li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u l-approfondiment tas-Suq Uniku.

Il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ser jibqgħu ċentrali għall-azzjoni esterna tal-UE, b'attenzjoni partikolari għar-reżiljenza għall-klima u s-sħab vulnerabbli, inkluż il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw.

Il-konnettività transreġjonali ser tkun avvanzata wkoll bħala mutur ta' tkabbir sostenibbli u sħubijiet globali reżiljenti.

Azzjoni strateġika dwar is-sigurtà u d-difiża

It-triju ser jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE inkluż missjonijiet u operazzjonijiet ċivili bħala pilastru ewlieni tal-kapaċità tal-Unjoni biex timmaniġġja l-kriżijiet u tindirizza t-theddid, tibni r-reżiljenza u tipproteġi l-interessi tagħha globalment.

It-triju ser jappoġġa b'mod attiv l-avvanz ta' inizjattivi ewlenin tal-UE għas-sigurtà u d-difiża inkluż permezz ta':

- it-tishiġi urġenti tal-kapaċitajiet ta' difiża, b'kont meħud tal-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030 u l-inizjattivi ewlenin tiegħu,
- il-protezzjoni tal-infrastruttura strateġika,
- it-tishiġi tal-isforzi għall-bini tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari tul in-Naħa tal-Lvant, biex b'hekk jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni, kif ukoll il-kapaċità tagħha li tirrispondi b'mod effettiv għat-theddid attwali u emerġenti,
- is-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ma' sħab tal-istess fehma.

It-triju ser jippromwovi l-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiġ għall-prinċipji stipulati fit-Trattati u mill-Kunsill Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Istati Membri kollha.

It-triju ser jaħdem biex jagħti spinta lir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) permezz ta' approċċ komprensiv ta' 360 grad. Dan ser jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' Suq Uniku għad-Difiża aktar robust, integrat u effiċjenti, li jsaħħaħ is-sigurtà, l-innovazzjoni u l-kapaċità industrijali fit-tul tal-UE fl-Unjoni kollha.

It-titjib tal-mobbiltà militari fl-UE u lil hinn minnha ser jibqa' prijorità, inkluż permezz ta' investimenti mmirati fl-infrastruttura tat-trasport u r-reżiljenza tagħha. It-triju ser jaħdem mal-Istati Membri biex jiġu indirizzati l-ostakli eżistenti u tissaħħaħ il-kapaċità biex jiġi ffaċilitat il-moviment rapidu u sigur ta' persunal, materjal u assi militari.

It-triju ser jaħdem biex jiżgura li l-kapaċitajiet spazjali tal-Ewropa jkunu kompletament operazzjonali, reżiljenti u sovrani. Huwa ser jappoġġa l-isforzi biex jiġu protetti u żviluppati sistemi u infrastruttura spazjali indipendenti, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol kritiku tagħhom fis-sigurtà, id-difiża u l-applikazzjonijiet ċivili kritiċi.

It-triju ser isaħħaħ is-sigurtà ekonomika tal-UE, inaqas id-dipendenzi dannużi ta' riskju għoli u jiddiversifika u jiżgura l-ktajjen tal-provvista strateġiċi, inkluż billi jsaħħaħ is-sigurtà marittima.

It-triju ser iżid l-isforzi tiegħu biex jiġġieled it-theddid fiżiku, ċibernetiku u ibridu, inkluż il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI). It-triju ser imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-istrateġija għas-sigurtà interna (ProtectEU) bħala pjan direzzjonali biex l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha jiġu protetti minn theddid għas-sigurtà tagħhom. Huwa ser jappoġġa t-tiżiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni, id-deterrenza, it-tnejjija, il-monitoraġġ u l-kapaċitajiet ta' rispons, bil-ħsieb li jiġu protetti l-istituzzjonijiet demokratiċi, l-infrastruttura kritika inkluż ir-reżiljenza marittima u tas-soċjetà.

It-triju ser irawwem approċċ integrat li jorbot l-użu affidabbli u etiku tal-Intelliġenza Artifiċjali, is-sovranià tad-data u r-reżiljenza taċ-ċibersigurtà. Huwa ser jippromwovi l-użu sigur u responsabbli ta' teknoloġiji emerġenti fis-sigurtà u d-difiża.

Biex jirrifletti dawn il-prijoritajiet, it-triju ser isaħħaħ is-sigurtà u l-fiduċja fl-ekosistema diġitali Ewropea. Fl-istess ħin, ser isaħħaħ l-oqfsa ta' governanza responsabbli biex jittaffew ir-riskji għas-sigurtà assoċjati mat-trasformazzjoni diġitali.

Approċċ komprensiv għall-migrazzjoni

It-triju jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żgurata sistema komuni tal-ażil u tal-migrazzjoni li tiffunzjona b'mod sħiħ u effettiv, inkluż billi jiġi applikat b'mod effettiv u sħiħ il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u jiġi żgurat bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

It-triju ser jiffoka l-ħidma tiegħu fuq sistema tal-ażil soda, ġusta u effiċjenti, li tiggarrantixxi protezzjoni għal dawk fil-bżonn, filwaqt li tipprevjeni l-abbuż tar-regoli tagħna.

Huwa ser isaħħaħ l-isforzi għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll jiġġieled l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni bħala arma, filwaqt li jirrikonoxxiha bħala theddida ibrida u sfida serja għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-Unjoni.

It-triju ser jistinka biex jiżgura politika komuni tal-UE ġusta, robusta u effettiva dwar ir-ritorn, li tiffoka fuq l-iżgurar tas-sostenibbiltà tar-ritorni u r-riintegrazzjoni permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Dan ser jinkludi użu aktar effettiv ta' ingranaġġi u inċentivi li l-UE għandha għad-dispożizzjoni tagħha, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-bniedem. It-triju ser jipromwovi wkoll l-użu ta' teknoloġiji moderni fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil biex itejjeb l-effiċjenza tagħha u jissimplifika l-proċessi.

It-triju jappoġġa żona Schengen li tiffunzjona tajjeb, biex jiġi ppreservat il-moviment liberu bla xkiel tal-persuni u l-benefiċċji li dan iġib għas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. Bil-ħsieb li tinħoloq żona Schengen sigura, it-triju ser jappoġġa ġestjoni b'saħħitha u effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE f'konformità mal-prinċipji tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, flimkien mal-miżuri ta' kooperazzjoni kumpensatorji indispensabbli. Għal dak l-għan, it-triju ser jipromwovi approċċ prammatiku u prudenti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, li jqis l-isfidi dejjem akbar għas-sigurtà fil-fruntieri esterni u lil hinn minnhom. Dan jinkludi fost l-oħrajn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Istati Membri u t-tisħiħ tal-Frontex fir-rwoli tagħha ta' koordinazzjoni u assistenza operazzjonali. Soluzzjonijiet teknoloġiċi avvanzati inkluż il-kapaċitajiet tad-droni u ta' kontra d-droni, is-sorveljanza u l-għodod analitiċi ser jiġu promossi u sfruttati aktar fil-fruntieri esterni. It-triju ser jagħti prijorità biex jiġu avvanzati l-isforzi għall-iżgurar tal-interoperabbiltà sħiħa tas-sistemi tal-IT kif ukoll politika tal-UE dwar il-viżi aktar b'saħħitha.

Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni ser tibqa' prijorità ewlenija. It-triju ser isaħħaħ il-kooperazzjoni komprensiva ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi u sħubijiet imfassla apposta, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali. Huwa ser jagħti importanza kbira lill-iżvilupp ta' sħubijiet u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ewlenin fil-Mediterran, l-Afrika, il-Lvant Nofsani, ix-Xlokk tal-Asja u tul rotot migratorji differenti – f'konformità mal-approċċ ta' rotta sħiħa – filwaqt li jindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni b'mod li jkun ta' benefiċċju reċiproku.

It-triju ser jaħdem ukoll fuq l-iżvilupp ta' perkorsi ta' migrazzjoni legali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema tal-Istati Membri, bħala parti mill-aġenda tal-UE għall-Ħiliet u t-Talent, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' Sħubijiet ta' Talent tal-UE ma' pajjiżi terzi, li ser isaħħu wkoll il-kooperazzjoni dwar ir-ritorni. It-triju ser jappoġġa l-migrazzjoni legali u ordnata lejn l-UE li tikkontribwixxi għall-kompetittività u l-prosperità tal-Unjoni.

It-triju ser jintensifika wkoll l-isforzi biex jiġġieled kemm il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti kif ukoll it-traffikar ta' bnedmin billi jippromwovi inizzjattivi koordinati tal-UE u permezz ta' kooperazzjoni msaħħa mas-sħab internazzjonali. Dawn l-azzjonijiet ser jitwettqu f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti l-ħajjiet u d-drittijiet tal-migranti.

Tisħiħ tas-sigurtà tagħna u protezzjoni taċ-ċittadini tagħna

It-triju ser isaħħaħ is-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tar-REPowerEU, filwaqt li jevita li jinħolqu dipendenzi strateġiċi ġodda. Huwa ser jiprijorizza s-sigurtà tal-provvista, is-sovranià u l-affordabbiltà, jappoġġa t-tkabbir industrijali ekoloġiku, u jippromwovi l-investimenti fl-enerġija u fl-infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura marittima kritika, itejjeb il-kapaċitajiet ta' tnejn, monitoraġġ u tiswija, u jiproteġi kontra theddid emerġenti. It-triju ser jaħdem ukoll biex itaffi r-riskji għas-sikurezza nukleari marbuta mal-ambjent diffiċli tas-sigurtà fil-viċinat tal-UE.

It-triju ser ifittex li jiżgura prezzijiet tal-enerġija affordabbli u sostenibbli bħala pedament tar-reżiljenza ekonomika, il-kompetittività u l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni kollha. Filwaqt li jqis il-volatilità kontinwa tas-suq u d-domandi tat-tranżizzjoni tal-enerġija, huwa ser jagħti prijorità lit-tisħiħ tar-reżiljenza u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, it-tnaqqis tad-dipendenzi esterni, u t-trawwim tal-kooperazzjoni reġjonali. L-użu aċċellerat tal-enerġija rinnovabbli ser jiġi appoġġat b'mod partikolari f'reġjuni li jinsabu f'pożizzjoni tajba għall-enerġija solari u eolika, flimkien ma' investimenti fil-ħżin tal-enerġija u l-modernizzazzjoni tal-grilja biex tiġi żgurata l-flessibbiltà tas-sistema. L-isforzi tiegħu ser jiffukaw ukoll fuq it-tisħiħ tas-suq intern tal-enerġija lejn Unjoni tal-Enerġija reali, it-titjib tat-trasparenza tal-prezzijiet u l-avanz tal-integrazzjoni tat-teknoloġiji emerġenti. Fl-istess ħin, il-konsumaturi u n-negozji vulnerabbli, inkluż l-industriji intensivi fl-enerġija, jeħtieġ jiġu protetti minn fluttwazzjonijiet eċċessivi fil-prezzijiet, filwaqt li jiġu ppreservati sinjali tas-suq effettivi għad-dekarbonizzazzjoni.

It-triju ser isaħħaħ ir-reżiljenza u l-prevenzjoni tal-kriżijiet, il-kapaċitajiet u l-mezzi ta' tħejjija u ta' rispons permezz ta' approċċ soċjetali olistiku li jkopri l-perikli kollha, inkluż id-diżastri naturali, il-kunflitti, l-emerġenzi tas-saħħa, it-theddid ċibernetiku u ibridu. It-triju ser jappoġġa l-ħidma li għaddejja dwar l-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

Huwa ser isaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, inkluż il-pagamenti u l-infrastruttura diġitali u marittima, kontra theddid kemm fiżiku kif ukoll diġitali għall-entitajiet essenzjali u importanti (NIS2) u għall-entitajiet kritiċi (CER), iwettaq valutazzjonijiet tar-riskju komprensivi, u jtejjeb il-koordinazzjoni transsettorjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi essenzjali.

It-triju jimpenja ruħu li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji fil-ħidma tagħhom biex l-Ewropa tinżamm sikura u jinżamm l-istat tad-dritt. Huwa ser jappoġġa kollaborazzjoni effettiva, operazzjonijiet konġunti u skambju ta' informazzjoni, inkluż flivell transfruntier. B'rispons għax-xejriet kriminali li qed jevolvu u t-teknoloġiji l-ġodda, it-triju ser jaħdem biex isaħħaħ l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi, kif ukoll biex jagħti aktar setgħa lill-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE.

It-triju ser iżid l-azzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata billi jfixkel in-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u jiġġieled it-traffikar tad-droga, il-kuntrabandu u tipi oħra ta' kriminalità transfruntiera. Huwa ser jappoġġa l-isforzi biex jiġu żgurati l-fruntieri tal-UE. Bl-użu ta' għodod moderni tal-IT u teknoloġiji emerġenti, inkluż l-IA, it-triju għandu l-għan li jtejjeb id-detezzjoni, il-ġbir tal-informazzjoni u l-effiċjenza operazzjonali biex jiżżarmaw networks kriminali.

Huwa ser jagħmel enfasi partikolari fuq it-tħejjija u l-protezzjoni tal-wirt kulturali, inkluż salvagwardji kontra l-impatti tat-tibdil fil-klima, kif ukoll fuq strateġiji għall-prevenzjoni, it-tħejjija u l-irkupru għall-assi u l-istituzzjonijiet kulturali.

It-triju ser isaħħaħ is-sigurtà tas-saħħa u r-reżiljenza tas-sistema permezz ta' tisħiħ tat-tħejjija, il-prevenzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, inkluż is-saħħa mentali. Huwa jemmen ukoll li t-tisħiħ tas-sikurezza soċjali, inkluż bl-indirizzar tal-isfidi demografiċi, ser iżid ir-reżiljenza tas-soċjetà fil-kuntest ta' bidliet fit-tul.

It-triju jagħti importanza kbira lis-salvagwardja tat-tfal minn kontenut u prattiki dannużi u manipulattivi online u lit-tiżni tal-mekkaniżmi protettivi billi jitravmu esperjenzi online aktar sikuri.

It-triju ser isaħħaħ il-protezzjoni ta' -ċittadini billi jsaħħaħ il-koooperazzjoni konsulari barra mill-UE, itejjeb il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u mad-Delegazzjonijiet tal-UE, bl-użu ta' għodod diġitali biex tiġi pprovduta assistenza effettiva f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

It-triju ser ikompli jsaħħaħ is-sigurtà tal-ikel tal-Ewropa billi jsaħħaħ ir-reżiljenza tul il-katina alimentari u jiżgura aċċess affidabbli għal ikel sikur u affordabbli, inkluż fi żminijiet ta' kriżi.

IV. EWROPA GĦANJA U KOMPETITTIVA

Unjoni aktar b'saħħitha u aktar prospera

It-triju ser jiffinalizza l-ħidma fuq Qafas Finanzjarju Pluriennali li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Unjoni għall-2028–2034. Il-baġit fit-tul il-ġdid ser jitfassal biex jgħammar lill-UE bir-riżorsi meħtieġa biex tindirizza l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet strateġiċi fit-tul tagħha u twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi emerġenti fis-snin li ġejjin.

Tiżni tal-kompetittività

It-triju ser imexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Suq Uniku b'mod ambizzjuż u fid-dimensjonijiet kollha tagħha, f'konformità mal-aġenda ta' Ewropa Waħda, Suq Wieħed. Huwa jfakkar fl-impenn tiegħu li jaħdem għat-tneħħija tal-ostakli biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jinkisbu benefiċċji prattiċi għan-negozji, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-awtoritajiet pubbliċi, il-konsumaturi u l-ħaddiema. Huwa ser ikompli jiprijoritizza l-infurzar u l-implimentazzjoni uniformi tar-regoli tas-Suq Uniku kif ukoll l-aġenda tal-UE dwar is-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar, bl-oġġettiv li jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji u amministrattivi, filwaqt li jiġi żgurat li l-inizjattivi ġodda tal-UE jkunu konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u li tissaħħaħ il-kompetittività.

It-triju ser ikompli bl-isforzi biex jiżviluppa u japprofondixxi aktar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, irawwem swieq kapitali aktar integrati u settur bankarju li jiffunzjona tajjeb fl-UE kollha, bil-ħsieb li jimmobilizza l-kapital pubbliku u privat, isaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni. It-triju jkompli jipprijoritizza l-ħidma tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-indirizzar tal-evitar biex jiġu evitati r-riskji tal-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS) fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.

It-triju ser jiffoka fuq l-iżvilupp tas-swieq kapitali għall-investment fl-intrapriżi li qed jespandu, li jippermetti lill-kumpaniji innovattivi jaċċessaw il-finanzjament meħtieġ biex jikbru, jinnovaw u jespandu fis-Suq Uniku u globalment.

It-triju ser jibni fuq l-istrateġija ta' sigurtà ekonomika tal-UE, billi jippromwovi l-istrumenti u s-sħubijiet rilevanti tal-UE, biex jiproteġi s-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni filwaqt li jippreserva l-ftuħ u l-integrità tas-Suq Uniku. F'dan ir-rigward, ser jiffoka fuq it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-Unjoni għal dipendenzi esterni strateġiċi u ta' riskju għoli f'setturi sensittivi, u fuq id-diversifikazzjoni u l-iżgurar ta' ktajjen tal-provvista strateġiċi biex jiġu protetti l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni filwaqt li jiġu ppreservati l-ftuħ u l-integrità tas-Suq Uniku.

It-triju ser jippromwovi sistema kummerċjali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli li ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tal-UE, tappoġġa d-diversifikazzjoni tas-suq u tiżgura kundizzjonijiet ekwi. It-triju jibqa' impenjat lejn ir-riforma tad-WTO, inkluż ir-restawr ta' sistema effettiva għas-soluzzjoni tat-tilwim. Huwa ser ikompli l-espansjoni u l-implimentazzjoni tan-network tal-UE ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles. It-triju jqis id-dwana bħala pilastru ta' suq uniku u kummerċ li jiffunzjonaw tajjeb kif ukoll ta' sigurtà tal-fruntieri u tal-isforzi kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin. It-triju ser jiżgura progress kontinwu fl-implimentazzjoni tar-riforma doganali, lejn viżjoni ta' dwana tal-UE diġitalizzata u mmexxija mid-data bi proċeduri doganali modernizzati.

It-triju huwa impenjat li jipromwovi settur agrikolu sostenibbli u reżiljenti li jkompli jiżgura s-sigurtà tal-ikel permezz ta' sistemi tal-ikel li jibqgħu validi fil-futur. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jissaħħu l-komunitajiet rurali u l-bdiewa, b'mod partikolari f'żoni rurali taħt riskju klimatiku għoli, u li jiġu indirizzati l-isfidi urġenti ppreżentati mid-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa, b'attenzjoni speċjali għall-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma. It-triju jirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-foresti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u fil-provvista ta' prodotti tal-injam rinnovabbli sostenibbli għad-dekarbonizzazzjoni tal-ambjent mibni tagħna. Ser jaħdem ukoll għal settur tal-frott tal-baħar li jappoġġa s-sostenibbiltà u r-reżiljenza fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, filwaqt li jappoġġa l-komunitajiet kostali rurali.

It-triju ser jiprijoritizza l-kontinwazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni u t-tiżiż tas-setturi tal-industrija, tat-trasport u tal-enerġija tal-UE, biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza. Huwa ser jistinka biex jagħti spinta lit-teknoloġiji nodfa, billi jrawwem politika industrijali tal-UE bbażata fuq l-innovazzjoni u jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, u b'hekk isaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-SMEs.

It-triju ser ifittex li jipprovdi konnettività fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, inkluż billi jipromwovi konnettività sostenibbli, kompetittiva u sikura fl-Ewropa kollha. Huwa ser ikompli bl-isforzi biex jiproteġi u jsaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi eżistenti u ppjanati tal-enerġija, dawk diġitali u tat-trasport, inkluż l-infrastrutturi sottomarini.

Fis-settur marittimu, it-triju jirrikonoxxi t-tbaħħir bħala faċilitatur strateġiku tal-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa, filwaqt li jappoġġa t-trasformazzjoni tal-portijiet Ewropej f'Ċentri tal-Ekonomija Blu u magni ta' kummerċ sostenibbli u tkabbir blu inklużiv, u ser jappoġġa governanza ambizzjuża tal-oċeani.

It-triju jagħti importanza kbira lit-tiżiż tal-kompetittività teknoloġika tal-UE, billi jmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq qafas regolatorju tat-telekomunikazzjoni li jiffaċilita l-innovazzjoni, jipromwovi l-investment fin-networks diġitali u jiżgura protezzjoni robusta tad-drittijiet tal-konsumatur. Huwa għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur billi jindirizza riskji ġodda għall-konsumatur li qed jitfaċċaw fl-ispazju ġeopolitiku u diġitali attwali.

It-triju ser jaħdem ukoll biex jiżgura l-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli, b'mod partikolari billi jisfrutta u japplika teknoloġiji diġitali trasformattivi, bħal għodod tal-Intelliġenza Artifiċjali, fis-settur tat-turiżmu.

F'dan il-kuntest, it-triju jirrikonoxxi wkoll ir-rwol tal-ħiliet, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE, u ser ikollu l-għan li jrawwem l-iżvilupp tal-ħiliet, meħtieġa biex jappoġġaw it-tranżizzjoni doppja tal-Ewropa.

Huwa ser jiffoka b'mod speċjali fuq l-appoġġ għal popolazzjoni b'saħħitha u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna, li huwa faċilitatur għal ekonomija b'saħħitha.

Niżguraw li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jkunu ta' suċċess

It-triju jenfasizza l-impenn tiegħu li jmexxi b'suċċess it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u jiżgura l-futur permezz ta' azzjoni klimatika f'waqtha u effettiva filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Huwa ser imexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni tal-Unjoni għan-newtralità klimatika sal-2050 u għall-mira klimatika tagħha għall-2040, b'mod partikolari billi javvanza n-negozjati dwar il-qafas tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għal wara l-2030. It-triju ser ikompli wkoll bl-isforzi biex jiżgura t-tmexxija tal-UE fix-xena globali fil-kuntest tan-negozjati internazzjonali dwar il-klima, il-bijodiversità, it-tniġġis tal-arja u mill-plastik, il-kimiki u l-iskart.

Barra minn hekk, it-triju ser jaħdem fuq is-salvagwardja ulterjuri tan-natura, l-ekosistemi u l-bijodiversità, filwaqt li jsaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima kontra avvenimenti naturali estremi, speċjalment mewġiet ta' sħana, nirien fil-foresti, nixfiet u għargħar. F'dan il-kuntest, it-tiżiħ tar-reżiljenza tal-ilma fl-Unjoni kollha ser ikun ukoll prijorità, b'enfasi speċjali fuq il-qafas għall-protezzjoni u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma.

It-triju ser ikompli jiprijoritizza s-sigurtà u l-provvista tal-enerġija tal-UE, billi jrawwem unjoni tal-enerġija ġenwina permezz tal-ħolqien ta' suq tal-enerġija Ewropew komuni, interoperabbli u integrat, bl-għan li jinkisbu l-interkonnnettività u s-sigurtà tal-enerġija u jiġu eliminati l-inugwaljanzi. Dan ser jirrikjedi b'mod partikolari l-appoġġ għal elettriku affordabbli, it-titjib tal-interkonnnessjonijiet, it-tiżiħ tal-flessibbiltà tas-sistema u l-ħżin tal-enerġija u l-konnnessjoni ta' żoni b'potenzjal għoli ta' enerġija nadifa u rinnovabbli ma' żoni b'domanda għolja, inkluż minn Stati Membri u gżejjer ġeografikament iżolati.

It-triju ser jikkontribwixxi għall-avvanz tar-rwol ewlieni tal-Unjoni fl-iżvilupp ta' regoli u standards diġitali globali, bħal dawk dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, u għat-trawwim ta' sħubijiet strateġiċi biex jintlaħqu l-oġettivi diġitali tal-UE, filwaqt li jiġi promoss spazju diġitali globali li jkun miftuħ, sigur, inklużiv u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

Promozzjoni tax-xjenza, tal-innovazzjoni u ta' ambjent li jiffavorixxi n-negozju

It-triju jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni u t-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jitwasslu benefiċċji xjentifiċi u soċjetali. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jippermettu u jiffaċilitaw il-kompetittività, is-sigurtà u l-valuri fit-tul tal-Unjoni. L-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-ogħla livell huwa parti ewlenija mill-azzjonijiet biex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja tal-UE u jiġi żgurat ambjent favorevoli għan-negozju. F'dan il-kuntest, it-triju jagħti importanza kbira lit-tiżni tal-kapaċità tar-riċerka tal-Ewropa f'teknoloġiji emerġenti u abilitanti, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent, l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni, it-trawwim tal-kooperazzjoni internazzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa tas-sigurtà tar-riċerka bħala parti mis-sigurtà ekonomika ġenerali, u l-kisba tal-qawwa industrijali f'setturi ewlenin, inkluż l-ispazju, is-semikondutturi, l-Intelliġenza Artifiċjali, il-fotonika u x-xjenzi tal-ħajja.

It-triju jkompli jirrikonoxxi l-importanza ta' proprjetà intellettuali u ekosistemi tad-drittijiet tal-awtur b'saħħithom u li jiffunzjonaw tajjeb, li għandhom rwol kruċjali fit-trasformazzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kreattività f'valur ekonomiku u soċjetali u fl-appoġġ għat-tkabbir u l-kompetittività tal-innovaturi Ewropej u l-industriji kulturali u kreattivi.

Navvanzaw flimkien

It-triju ser jippromwovi lill-UE bħala post attraenti għall-għajxien u l-impjiegi billi jsaħħa id-dimensjonijiet soċjali u ta' ugwaljanza tal-politiki tal-UE, b'mod partikolari fis-saħħa u l-impjiegi, filwaqt li jiżgura li t-tranżizzjoni doppja tkun ta' benefiċċju għal kulħadd u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Il-politika ta' koeżjoni ser tibqa' ċentrali biex jiġu indirizzati d-disparitajiet soċjali, ekonomiċi u territorjali, jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza, u jiġu appoġġati r-reġjuni l-anqas favoriti, dawk rurali, remoti u ultraperiferiċi.

It-triju ser javvanza politika Ewropea komprensiva dwar il-gżejjer f'diversi setturi, jiġifieri t-trasport, l-investiment, l-awtosuffiċjenza enerġetika, ir-reżiljenza għall-klima u l-konnettività diġitali. Barra minn hekk, it-triju ser jaħdem fuq soluzzjonijiet li għandhom l-għan li jgħibu investimenti biex jittejjbu l-konnettività u l-koeżjoni territorjali usa'.

It-triju jirrikonoxxi li l-UE jista' jkollha rwol ta' appoġġ fl-indirizzar tal-isfidi tal-akkomodazzjoni permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli. Huwa ser jaħdem ukoll biex jindirizza l-isfidi demografiċi tal-UE, billi jikkoordina azzjonijiet u inizjattivi konġunti tal-UE u jieħu azzjoni xierqa biex jindirizza x-xejriet demografiċi.

It-triju ser jistinka biex jiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh, il-persuni b'diżabilità u l-gruppi vulnerabbli. Huwa ser jimmira li jtejjeb l-aċċess għas-suq tax-xogħol, joħloq impjiegi ta' kwalità għal kulħadd u jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema. Barra minn hekk, ser nistinkaw biex naċċelleraw it-tnaqqis tal-faqar f'konformità mal-mira tal-UE għall-2030.

It-triju ser javvanza l-isforzi li għaddejjin biex tiġi żviluppata aktar l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa. Huwa ser jiffoka fuq it-tisħiħ tal-apparat mediku tal-Ewropa u l-ekosistemi tal-bijoteknoloġija relatati mas-saħħa, inkluż l-armonizzazzjoni tal-proċeduri tal-provi kliniċi biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE bħala mexxejja globali fil-bijoteknoloġiji u r-riċerka klinika. Ir-reżiljenza tas-saħħa u dik soċjali ser jissaħħu permezz tat-tisħiħ tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-preparatezza, filwaqt li jiġu promossi d-diġitalizzazzjoni u l-użu reattiv tal-Intelliġenza Artifiċjali, fejn xieraq.

It-triju ser ikompli jiżviluppa d-direzzjoni futura tal-politika dwar iż-żgħażaġh u jżomm l-isforzi biex jippromwovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi demokratiċi, b'enfasi fuq il-politiki tal-edukazzjoni bħala għodda kruċjali għall-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, u ż-żamma tad-demokrazija u l-koeżjoni soċjali fl-era diġitali. It-triju ser jippromwovi l-użu sikur u san tal-għodod diġitali, u jindirizza d-diżinformazzjoni, il-bullying ċibernetiku u d-diskors ta' mibegħda.

It-triju ser jipprijoritizza l-indirizzar tal-vjolenza interpersonali, filwaqt li jaħdem fuq aġenda komprensiva tal-UE biex jipprevjeni u jiġġieled b'mod effettiv il-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra l-minorenni fl-Unjoni kollha.

*
**

Magħqudin fl-iskop, it-triju ser jaħdem flimkien biex javvanza l-oġġettivi komuni tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura Ewropa prospera, sigura u kompetittiva.
